0 5 APR 2022

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 558**

**It-Tnejn 28 ta' Frar 2022**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**558.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

558.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna ikun skużat.

558.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Vella fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Vella ikun skużat.

**558.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

558.2.1 Il-minuti tal-556 u l-557 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**558.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

558.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fit-18 ta' Frar, 2022 kien ġie ppubblikat l-avviż legali numru L.N.84 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi, fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,787. Is-Sindku qal illi l-boroż tal-iskart ser jibdew jinġabru kif ġej: nhar ta' Tnejn skart imħallat (il-borża s-sewda) kif ukoll il-borża tal-iskart organiku, nhar ta' Tlieta l-borża tal-iskart riċiklabbli, nhar ta' Erbgħa il-borża tal-iskart organiku, nhar ta' Ħamis skart imħallat (il-borża s-sewda), nhar ta' Ġimgħa skart organiku kif ukoll il-borża tal-iskart riċiklabbli, nhar ta' Sibt skart imħallat (il-borża s-sewda). Il-kollezzjoni tal-ħġieġ kienet ser issir fl-ewwel u t-tielet tlieta ta' kull xahar. Is-Sindku spjega li din il-bidla kienet tinvolvi diversi preparamenti u għalhekk għandha tiġi ntrodotta fil-lokalita` lejn nofs is-sena.

558.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq, sar qbil sabiex isir numerar tal-ispazju miftuħ bejn Triq il-Kapuċċini u Triq ix-Xgħajra u n-numerar tal-bibien ġewwa Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Lia.

558.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu saru l-intervisti lill-kandidati nteressati għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal tal-Komunità "Steward" għat-trattament xieraq tal-annimali. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Intervisti.

558.3.4 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġu organizzati żewġ attivitajiet; il-kunċert ta' Ħadd in-Nies nhar is-Sibt 5 ta' Marzu,

2022 u l-*peagent* 'L-Erbgħa ta' Tniebri' nhar l-Erbgħa 13 ta' April, 2022. Is-Sindku qal illi l-Kunċert ta' Ħadd in-Nies kien ser isir minflok il-Kunċert tal-Milied li kellu jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fix-xahar ta' Diċembru u li kien tħassar minħabba l-pandemija tal-COVID 19. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-*peagent* 'L-Erbgħa ta' Tniebri' u l-Kunċert ta' Ħadd in-Nies flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża għaż-żewġ attivitajiet għandha tkun ta' €3,000 VAT inkluż.

558.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex jiġi organizzat kunċert ta' marċi funebri nhar it-Tlieta 12 t'April, 2022. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza il-kunċert ta' marċi funebri flimkien mas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, liema spiża għandha tkun ta' €1,500 VAT inkluż.

558.3.6 Is-Sindku qal illi kienet intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex nhar is-Sibt 5 ta' Marzu tinħareġ l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fuq iz-zuntier tal-knisja u tiġi organizzata venja ta' talb fi Triq is-Santwarju. Il-Kunsill ġie mitlub iħallas in-nefqa tal-kiri tad-dawl, l-uffiċjali tal-LESA biex tingħalaq parti minn Triq is-Santwarju u l-kiri tas-siġġijiet. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'ħin kienet ser issir l-attività. Is-Sindku qal illi l-attività kienet ser tibda fis-7.30 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li flimkien mal-Knisja Arċipretali tiġi organizzata venja ta' talb. Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu ser jattendu sabiex jieħu ħsieb jirriserva l-postijiet.

558.3.7 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka issir mixgħela bix-xemgħat fuq iz-zuntier tal-knisja. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu qed jiġbor l-istimi sabiex jinxtraw ix-xemgħat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li fl-okkażżjoni ta' Ħamis ix-Xirka ssir mixgħela bix-xemgħat.

558.3.8 Is-Sindku tkellem dwar il-ħaddiema tal-*maintenance* li l-Kunsill għandu ssekondati miegħu u spjega li l-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* kellhom il-*performance bonus* filwaqt li l-ħaddiema mpjegati mar-*Resource and Support Services Limited* u mal-*Engineering Resources Limited* ma kellhomx. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-ħaddiema tar-*Resource and Support Services Limited* u *Engineering Resources Limited* jingħataw €250 bħala *bonus*. Is-Sindku żied jgħid li Kunsilli oħra diġa kienu jagħtu *performance bonus* lill-ħaddiema tar-*Resource and Support Services Limited.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti €250 lil kull impjegat tar-*Resource and Support Services Limited* u tal-*Engineering Resources Limited.*

558.3.9 Is-Sur Joseph Agius u s-Sur Mark Grech daħlu għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

558.3.10 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva stedina għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* li ser isiru f'Mejju li ġej fil-Ġermanja u talab lill-Kunsillieri sabiex jinfurmawh f'każ li jkunu nteressati li jmorru *Eschborn.* Il-Viċi Sindku u s-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalu li kienu nteressati li jmorru. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien irċieva stedina sabiex żewġ żgħażagħ adulti jipparteċipaw f'tiġrija internazzjonali taċ-ċikliżmu f'*Eschborn.* Is-Sindku qal illi l-Kunsill ta' *Eschborn* kienu offrew li jħallsu l-ikel, l-akkomodazzjoni u l-ħlas ta' parteċipazzjoni għal din il-ġirja. Is-Sindku żied jgħid li kellu l-ħsieb jiddiskuti l-possibilità mal-Kunsill ta' *Eschborn* sabiex minflok żewġ żgħażagħ jitilgħu erba' żgħażagħ għat-tiġrija taċ-ċiklizmu. Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-obbligi finanzarji relatati mal-Ġemellaġġi u qalet li l-ispiża annwali m'għandhiex taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja għal dik is-sena, liema minn dawn tkun l-għola. Is-Sur Joseph Agius qal illi għall-festivitajiet ta' *Eschenfest* ikun hemm il-parteċipazzjoni ta' delegazzjonijiet oħra barranin. Il-Kaptan Patrick Barbara ppropona li s-Sindku jipparteċipa fit-tiġrija taċ-ċikliżmu li ser issir ġewwa *Eschborn.* Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx hemm xi Kunsillier dilettant tar-roti. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun wieħed miż-żgħażagħ parteċipanti fit-tiġrija internazzjonali taċ-ċikliżmu ġewwa *Eschborn.* Is-Sindku qal illi kienet tkun idea tajba jekk skambju ta' żgħażagħ ċiklisti jsir kull sena u ssuġġerixxa li l-Kunsill jistieden ċiklisti minn *Eschborn* sabiex jipparteċipaw fil-pellegrinaġġ tar-roti tal-Madonna tal-Grazzja.

558.3.11 Is-Sindku tkellem dwar il-Proġett tad-Dar tal-Anzjani. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi ddispjaċut li bħala Kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-Anzjani ma kienx qed ikun involut. Is-Sindku qal illi d-Dar Sagra Familja kienet qed tiġi meqjusa bħala żvilupp ta' proġett. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li saret flimkien mal-Arċidjoċesi ta' Malta, il-Kunsill ippreżenta l-pjanti finali. Is-Sindku qal illi l-Fondazzjoni Sebħ kienet approvat il-pjanti tal-binja li ser tiġi ddedikata għat-tfal. Is-Sindku żied jgħid li l-proposta kompluta tad-Dar tal-Anzjani ġiet milqugħa b'mod pożittiv mill-Kurja u li fil-ġimgħat li ġejjin kienu ser jagħtu r-risposta finali tagħhom. F'każ li l-proġett jiġi approvat, kienet ser issir konferenza stampa sabiex jitħabbar il-proġett u eventwalment tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-*Planning Authority* u jibdew n-negozjati tal-Gvern dwar kif ser toħroġ is-sejħa pubblika għall-investituri nteressati. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk it-tfal hux ser jibqgħu fil-binja. Is-Sindku qal illi t-tfal kienu ser jiġu rilokati fil-binja l-ġdida, imbagħad jibda l-proġett tad-Dar tal-Anzjani; peress illi skont il-protokolli, id-Dar tal-Anzjani u tat-tfal ma jistgħux ikunu fl-istess binja. Is-Sindku talab lill-membri preżenti sabiex ma jħabbrux il-proġett qabel ma jkun hemm konferma mill-Kurja.

558.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2021. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Diċembru 2021.

**558.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

558.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**558.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

558.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti mill-25 ta' Jannar 2022 sat-28 ta' Frar 2022 li kien jammonta għal €81,757.91. Is-Sur Joseph Agius staqsa għaliex il-Kunsill kien xtara t-twapet tal-bandli mingħand żewġ kumpaniji differenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kien sar hekk minħabba regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri.

**558.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;**

- **Servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019)**

558.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt (ZLC 1/2019) għas-Servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li l-Kunsill għandu mas-Sur Christopher Bonello, kien ser jiskadi fit-23 ta' Ġunju, 2022. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal illi ma kienx kuntent bis-servizz tal-kuntrattur minħabba li ma kienx qed ikun hemm *attendant* ma' kull latrina kif ukoll minħabba li l-latrini pubbliċi ma kienux qed jinżammu fi stat nadif, u għalhekk ppropona li jinħareġ *default notice*. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien jirċievi diversi lmenti dwar il-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lis-Sur Christopher Bonello li huwa l-kuntrattur responsabbli mis-servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019), peress illi ma kienx qed ikun hemm *attendant* ma' kull latrina kif hemm stipulat fis-sejħa għall-offerti u minħabba li l-latrini pubbliċi ma kienux qed jinżammu fi stat nadif. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ma jġeddidx il-kuntratt eżistenti u minflok tinħareġ sejħa għall-offerti mill-ġdid. Is-Sindku semma l-possibilità li fis-sejħa li jmiss il-Kunsill jitlob li jkun hemm *attendant* wieħed ma' żewġ latrini. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġeriet biex l-*attendant* jiffirma fuq skeda kull darba li jnaddaf il-latrina sabiex jindika l-frekwenza tat-tindif. Is-Sindku qal li xorta waħda jista' jkun hemm abbuż. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li xogħol il-*contracts manager* huwa li jara li l-kuntratti jkunu qed jiġu osservati. Is-Sindku semma l-possibilità li l-latrina tista' tiġi mnaddfa u miżmuma mill-Kunsill permezz tal-ħaddiema tal-*Community Work Scheme* u l-Kunsill jixtri l-materjal għat-tindif u *t-toilet paper*. Is-Sindku qal li possibilità oħra kienet li l-Kunsill jixtri l-materjal għat-tindif u *t-toilet paper* u jitlob kwotazzjoni sabiex tinfetaħ u titnaddaf il-latrina. Is-Sur Joseph Agius semma l-importanza li jkun hemm *attendant* il-ħin kollu minħabba vandaliżmu u abbuż ta' droga. Is-Sindku qal illi l-kumitat tal-*bar* tal-klabb tal-boċċi kien wera nteress sabiex jieħu ħsieb il-latrina li hemm biswit il-*pitch* tal-boċċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni dwar jekk hux ser iġedded is-sejħa (ZLC 1/2019) jew le, imbgħad jiddeċiedi dwar in-numru ta' *attendants* fil-latrina minħabba li dan il-fattur kien ser jiddetermina l-

prezz. F'każ li l-Kunsill jiddeċiedi li ma jġeddidtx il-kuntratt għandha tittieħed deċiżjoni dwar il-frekwenza tat-tindif sabiex b'hekk ikunu jistgħu jinġabru l-kwotazzjonijiet. Is-Sindku qal illi fil-latrini tal-lokalità m'hemmx għalfejn ikun hemm *attendant* il-ġurnata kollha. Il-Viċi Sindku qalet li m'hemmx għalfejn ikun hemm *attendant* il-ħin kollu, l-importanti li l-latrina tinżamm nadifa. Is-Sindku talab li jinġabru kwotazzjonijiet sabiex tinfetaħ u titnaddaf il-latrina fi Triq iċ-Ċawsli u fi Ġnien il-Kunsill separatament. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li f'ċertu perjodi il-latrina tkun frekwentata aktar mis-soltu u staqsiet x'kien ser jiġri f'dawn iċ-ċirkostanzi. Is-Sindku qal illi l-latrina trid titnaddaf minn tal-anqas darbtejn kuljum u skont il-ħtieġa u l-frekwenza tan-nies. Is-Sur Agius staqsa x'kien ser jiġri f'każ ta' vandaliżmu. Is-Sindku qal illi f'każ ta' vandaliżmu jrid jagħmel tajjeb il-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġeddidx il-kuntratt għaż-żamma u l-manutenzjoni tal-latrina pubblika (ZLC 1/2019) li l-Kunsill għandu mas-Sur Christopher Bonello. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiġbor kwotazzjonijiet għall-ftuħ u t-tindif taż-żewġ latrini separatament sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

- **Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2019)**

558.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għat-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2019) li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Euroclean Waste Services*, kien ser jiskadi fit-2 ta' Mejju, 2022. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal li ma kienx kuntent bis-servizz tal-kuntrattur peress illi kien qed ikun hemm dewmien fit-tindif tat-toroq mhux urbani u għaldaqstant talab li tinħareġ *default notice* lill-kumpanija *Euroclean*. Is-Sur Joseph Agius qal illi kellu jirraporta diversi drabi sabiex jinqata l-ħaxix ħażin fi Triq il-Plier. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* lil-kumpanija *Euroclean*, il-kuntrattur responsabbli mit-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2019), peress illi ma kienx qed isir t-tindif fi żmien stipulat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġeddidx dan il-kuntratt għal sena addizzjonali u minflok tinħareġ sejħa ġdida.

- **Manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019)**

558.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 6/2019), li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *S Spagnol Construction Limited*, kien ser jiskadi fis-26 t' April, 2022. Il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa f'hix kien wasal ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-isqaqien ta' wara l-knisja. Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet kienu kważi lesti.

- **Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021)**

558.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi ġew sottomessi ħames offerti għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Il-Bord ta' Evalwazzjoni kien ikkonkluda li t-tlett offerti kienu teknikament tajba u rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża.

558.6.5 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kumitat qabel unanimament li l-laqgħa tiġi sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat. Fis-7.30 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti. Fis-7.42 ta' filgħaxija l-laqgħa kompliet.

558.6.6 Is-Sindku tkellem dwar l-offerti li l-Kunsill irċieva għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021). Is-Sindku spjega li l-proġetti tal-*Urban Greening* li ser isiru mill-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar fl-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, fi Triq Ġużeppi Pace u fi Triq Santa Duminka, kienu ser jikkontribwixxu għal aktar *planters* tas-siġar, *roof gardens* u spazji aktar ħodor f'żoni urbani. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill ma jaċċetta l-ebda offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) u li minflok tinħareġ sejħa bir-rekwiżiti ġodda u aġġornati li jinkludu l-ispazji ħodor, il-*planters* tas-siġar u r-*roof gardens* li ser isiru permezz tal-proġetti tal-*Urban Greening.* Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċetta l-ebda offerta għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 3/2021) u li din id-deċiżjoni tiġi kkomunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*. Il-Viċi Sindku qalet li l-proġetti tal-*Urban Greening* huma ambizzjużi u semmiet l-importanza li jiġu nklużi fil-kuntratt il-ġdid sabiex issir il-manutenzjoni kif meħtieġ.

558.6.7 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ sejħa bir-rekwiżiti ġodda u aġġornati għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts.* Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* bir-rekwiżiti ġodda u aġġornati u li fiha jkun hemm inkluż il-proġetti tal-*Urban Greening.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa l-ġdida ma tistax tinħareġ qabel ma l-Kunsill ikollu l-ispeċifikazzjonijiet kollha tal-ispazji ħodor, il-*planters* tas-siġar u r-*roof gardens* li ser isiru permezz tal-proġetti tal-*Urban Greening.* Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar ir-regolamenti finanzjarji marbuta max-xiri u żiedet tgħid li sakemm jitlesta l-proċess tas-sejħa, il-Kunsill xorta waħda għandu l-obbligu li joffri s-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġbor il-kwotazzzjonijiet għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts.*

**558.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

558.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra ġudizzjarja dwar talba għal rimbors ta' €1,441.22 minħabba danni li sofra sid il-vettura ACD489, insegwitu għal allegatament inċident li seħħ fit-22 ta' Marzu 2020, fi Triq San Ġużepp peress illi ma kienx hemm senjalatika apposta li jindika li kien hemm gandott fit-triq. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill Lokali ma kienx il-*project owner* tax-xogħlijiet li kienu qed saru fi Triq San Ġużepp. Fuq proposta tas- Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra ġudizzjarja bħala risposta.

**558.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

558.8.1 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li rċeviet minn residenti li joqgħodu fi Triq San Anard minħabba li l-iskart tagħhom ma kienx qed jinġabar skont l-iskeda. Is-Sindku qal illi din il-problema kienet inħolqot minħabba xogħlijiet li kienu qed isiru f'din it-triq.

558.8.2 Il-Viċi Sindku ressqet talba li kienet irċeviet minn residenti sabiex titwaħħal mera sabiex minn joħroġ minn Triq il-Baħrija għal Triq Alessio Erardi u Bieb is-Sultan, jara l-vetturi li jkunu ġejjin minn naħa tal-lemin.

558.8.3 Il-Viċi Sindku ressqet talba sabiex issir mera fi Triq Bieb is-Sultan fil-viċinanzi tal-*electrician*. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Viċi Sindku tibgħatilha l-lokazzjoni ta' fejn iridu jeħlu dawn il-mirja.

558.8.4 Il-Viċi Sindku talbet lill-Kunsill isib soluzzjoni minħabba li fi Triq in-Naħla kantuniera ma' Triq San Leonardu kien hemm *double yellow line* iżda kien qed isir parkeġġ tal-vetturi xorta waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser iressaq it-talba lil-LESA sabiex isir infurzar f'din it-triq.

558.8.5 Il-Viċi Sindku tkellmet dwar il-proġett tal-*Urban Greening* li qed isir fl-ex venda fi Triq is-Santwarju u talbet li ssir bankina temporanja minħabba li l-vetturi kienu qed jipparkjaw max-xibka u kienu qed joħolqu periklu għall-*pedestrians*. Is-Sindku qal illi ma kienx jaqbel li ssir bankina temporanja minħabba li l-vetturi xorta waħda kienu ser jipparkjaw mal-bankina temporanja u kien ser jinħoloq ostaklu għat-traffiku. Is-Sur Agius talab li jitwaħħlu tabelli max-xibka sabiex ma jsirx parkeġġ. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fil-jiem li ġejjin kienu ser jinżebgħu l-marki tal-karreġġjati u taz-*zebra crossings* fi Triq is-Santwarju.

558.8.6 Is-Sinjura Anna Calleja nfurmat lill-membri preżenti li l-*NGO Happy Parenting* kienet ser toffri kors tal-ganutell *online* mingħajr ħlas. Is-Sinjura Calleja talbet lill-Kunsill sabiex jagħti pubbliċità ta' dan il-kors fuq il-midja soċjali u sabiex jieħu ħsieb ir-reġistrazzjoni tal-parteċipanti.

558.8.7 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fuq programm tar-radju kien issemma li matul l-invażjoni tal-Franċiżi f'Malta, iż-Żabbarin kienu l-uniċi nies li ssieltu mal-Franċiżi. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li ssir tifkira għall-qalbiena Żabbarin li ssieltu mal-Franċiżi. Is-Sindku qal illi irid ikun hemm riċerka fatwali dwar dan. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hi ma kinitx semgħet il-programm fuq ir-radju iżda kien resident li għaddielha din l-informazzjoni.

558.8.8 Is-Sur Joseph Agius ressaq ilment li kien irċieva mingħand resident li joqgħod fi Triq Dun Salv Sciberras dwar problema tal-għargħar. Is-Sur Joseph Agius qal li r-resident kien infurmah li din il-problema nħolqot wara li ingħata wiċċ ġdid fit-toroq tal-madwar. Is-Sindku qal illi l-qlib tal-ilma tax-xita tat-toroq tal-madwar kien imur fi Triq il-Baħrija u mhux fi Triq Dun Salv Sciberras. Is-Sindku qal illi l-problema tal-għargħar kienet ġejja minħabba li niżlet xita straordinarja u mhux minħabba x-xogħol ta' *resurfacing* li sar riċentament. Is-Sur Joseph Agius talab lis-Sindku sabiex jiltaqgħu mar-resident fuq il-post.

558.8.9 Is-Sur Joseph Agius lmenta li t-tarmak li sar riċentament fi Triq ix-Xgħajra quddiem Sqaq numru 2 diġa beda jinqala'. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li *Infrastructure Malta* kienet qed tistenna r-riżultati tat-testijiet.

**558.9 Mozzjonijiet**

558.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**558.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

558.10.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu, 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

558.10.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-560 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 5 ta' April, 2022

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku